MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 717/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Emanuel Pace**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-Korporazjoni attrici tablet hlas ta' disa' mija u sitta u tmenin ewro u dsatax-il centezmu (€986.19) rapprezentanti danni likwidati u sofferti mill-Korporazzjoni attrici f' arblu tad-dawl gewwa l-'*Marsa Industrial Estate',* liema hsarat gew ikkawzati mill-konvenut bi traskuragni u imprudenza da parti tieghu nhar l-20 ta' Settembru, 2006.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-hlas izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 2006, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` l-istess ittra u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta ta` l-20 ta' Novembru, 2008 mill-Prokuratur Legali Victor Bugeja.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------